MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 111/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Vincent Cachia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Cachia detentur tal-karta tal-identita` numru 203578(M).

Akkuzat talli:
Fit-03 ta’ Novembru 2006, u fil-jiem u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew

certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h) 42(d) u 43 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jigi assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi skont verbal datat 28 ta’ Jannar 2011, l-imputat ammetta biss ghat-tieni akkuza u cioe` taht l-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kkontesta l-akkuzi l-ohra. Illi pero` gialadarba li mill-istqarrija tieghu jirrizulta illi hu hallas il-flus u kien konxju tal-fatt illi huwa ma kienx ser jitla’ ghat-test kif suppost kien ser jaghmel, dan jirrendih komplici taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi a rigward l-akkuza l-ohra u cioe` dik taht l-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din titratta fuq reat li hu relatat mal-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tant li dan tal-ahhar jigi assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

gialadarba dan l-artikolu jimporta piena akbar u ghalhekk l-imputat qed jigu misjub hati taht dan l-artikolu wkoll.

Illi pero` gialadarba l-fedina penali tal-imputat hija netta u gialadarba l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, qed ssib lill-imputat Vincent Cachia hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih izda bl-apllikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------